**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Settembru, 2019

***Kumpilazzjoni Nru. 431/2019***

**Il- Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**-vs-**

**Alfred Scicluna detentur tal-Karta tal-Identita` numru 548355M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Scicluna u ċioè talli:

> Nhar is-16 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tad-09:50 ta' filgħodu ġewwa l-lokalita' tal-Ħamrun:
>
> 1. Minn ġewwa l-istabbiliment magħruf bħala 'Tetkal Bar and Restaurant', ikkommetta serq ta' mobile phone tal-għamla 'Huwawei' għad-dannu ta' Etienne Vella u/jew persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat

bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali tieghu, tal-fatt li d-derubat gie rizarcit kompletament kif ukoll li kif stqarr ma baqghalu l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien erbatax (14) il-xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**